MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 737/2009

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Pauline Schembri (Id. 297477M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ erba mija u tnax-il ewro u tmienja u hamsin centezmu (€412.58) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut ghal servizzi rezi lilha skond kuntratt bin-numru 1025576, u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju 2009 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ erba mija u tnax-il ewro u tmienja u hamsin centezmu (€412.58), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------